# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Marzu 2001

Rikors numru 582/98 AJM

Kawza numru

Fl-atti tal-mandat ta' Qbid numru 324/98 fl-ismijiet:-

Albert u Vivian Mifsud

Vs

Rita Cardona

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta'Rita Cardona presentat fit-23 ta' Marzu 1998 li permezz tieghu wara li ppremettiet li bil-mandat surriferit in kawtela ta' allegat kreditu ta' LM13,000 kienet inqabdet l-vettura taghha liema qbid qed johloq danni ngenti minhabba in-non uzu tal-istess vettura u billi ukoll l-pretensjoni hija kontestata, talbet ir-revoka tal-istess mandat a termini ta' l-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u alternattivament l-applikazzjoni ta' l-artikolu 838A.

Rat ir-risposta tal-intimati li talbu li r-rikors tal-istess Rita Cardona jigi michuda billi huma sofrew danni ingenti minhabba inadempjenza kuntrattwali da parti taghha fil-gestjoni ta' negozju li kien infetah flimkien u ghal liema danni kienu gew istitwiti proceduri. Gie ukoll allegat li l-istess rikorrent, kontra l-ordni tal-Qorti, kienet ghamlet uzu mill-istess vettura maqbuda.

Rat l-mandat in kwistjoni.

Hadet konjizzjoni tad-diversi provi prodotti mill-partijiet u ssottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat ir-rikors.

Ikkunsidrat:-

Fl-ewwel lok ghandu jigi osservat li ksur ta'ordni tal-Qorti, kif allegat mill-intimati, billi r-rikorrenti ghamlet uzu mill-vettura maqbuda ghalkemm din kienet f'idejn konsenjatarju, ma jistax jifforma mertu ta' dawn il-proceduri billi jridu jittiehdu passi separati kontra dik il-persuna li allegatament kisret dik l-ordni sabiex jigi determinat jekk ghandhomx jittiehdu sanzjonijiet. Din il-persuna mhux parti f'dawn il-proceduri u ghalhekk mhux il-kaz li allegazzjonijiet f'dan ir-rigward jinghataw importanza.

Illi dwar it-talba ghar-revoka fir-rikors promotur ma jidhirx li din tinkwadra ruhha f'wahda mic-cirkostanzi kontemplati fis-subinciz (1) ta' l-Artikolu 836 tal-Kap 12 billi wkoll din il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-pretensjoni tal-intimati prima facie mhux gustifikata. Infatti mix-xhieda

tal-istess rikorrenti jidher li din tirrikonoxxi debitu fil-konfront tal-intimati, ghalkemm ma hemmx qbil fuq l-ammont, izda ssostni li dan kellu jinqata mill-profitti tan-negozju. Ghalhekk jekk in-negozju ma tkompliex u jirrizulta, fil-proceduri istitwiti mill-intimati, li dan kien tort tal-istess rikorrenti, kienu gustifikati l-intimati li jindirizzaw t-talba taghhom kontriha u li jikkawtelaw l-pretensjonijiet taghhom bil-hrug tal-imsemmi mandat. Dan l-att kien ukoll mehtieg in vista tal-fatt li l-istess rikorrenti ma ghandhiex mezzi ohra, hlief il-karozza maqbuda, biex taghmel tajjeb ghad-dejn li jista' jirrizulta.

Matul is-smiegh tar-rikors saret allegazzjoni li l-flus somministrati mill-intimat Albert Mifsud lir-rikorrenti setghu kienu ghal ragunijiet ohra u mhux ta' negozju. Din il-kwistjoni pero' ma tikkoncernax l-mertu tar-rikors ghalkemm jista' jkollha rifless fil-proceduri ghall-likwidazzjoni ta' l-ammont se mai dovut.

Illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti jissemma li ghandu jigi applikat is-subinciz (8) ta' l-artikolu 836 tal-Kap 12 billi l-Qorti tikkundanna lill-intimati ghall-penali hemm imsemmija stante li jikkonkorru c-cirkostanzi imsemmija fil-paragrafi (c) u (d) tal-istess subinciz.

Il-paragrafu (c) imsemmi jitkellem dwar sitwazzjoni finanzjarja tad-debitur tali li ma kienetx tiggustifika thassib dwar il-likwidita' tieghu u kwindi l-mandat makienx gustifikat. Dwar dan, in vista tar-rizultanzi processwali u dak li inghad fuq, jkun superfluwu kwalunkwe kumment iehor.

Il-paragrafu (d) jipprovdi ghall-possibilita’ ta’ kundanna ghall-penali tal-parti li tkun talbet il-hrug tal-mandat jekk jirrizulta li t-talba ghall-hrug tal-mandat tkun malizjuza, frivola jew vessatorja. Dwar dan jinghad biss li la darba fil-fehma ta’ din il-Qorti ma ghandux jigi applikat is-subinciz (1) tal-artikolu 836 billi l-mandat ghandu, kif sejjer jinghad, jinzamm fis-sehh, ma jidhirx li avverat ruhha xi wahda minn dawn ic-cirkostanzi.

Fl-ahharnett ir-rikorrenti qeghdha titlob l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 838A tal-Kap 12 li jaghti d-dritt lill-Qorti, fuq talba tal-parti interessata, li meta tintwera kawza gusta, tordna lill-parti li tkun talbet il-hrug tal-mandat, li taghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali u ta’ danni u imghax, u, fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju.

Kif gja inghad aktar ‘l fuq jirrizulta li hemm rikonoxximent ta’ obbligazzjoni da parti tar-rikorrenti favur l-imtimati u fl-istess hin ma hemmx garanzija sodisfacjenti biex, fil-futur, taghmel tajjeb ghal dan id-dejn li jista’ jigi likwidat. Ghalhekk din il-Qorti ma thoss li ghandha tapplika dan il-provediment.

It-talba ghalhekk qed tigi michuda bl-ispejjes.

Onor Imhallef Albert J. Magri